**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Hubert Cini)**

**vs**
**Roderick Zahra**

**Kumpilazzjoni 47/2019**

**Illum 8 ta' Awwissu 2019**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Roderick Zahra detentur tal-karta tal-identita bin-numru 262484M huwa akkuzat talli:

1. Fit-22 ta' Jannar 2019 minn gewwa binja taht kostruzzjoni sitwata fi Triq il-Kurunell Mas, Hal Tarxien, Malta, ghall-habta ta' bejn 10:30 hrs u 11:30 hrs ikkommetta serq ta' 5 rombli membrane valur ta' €125 ghad-dannu ta' Simon Borg u Peter Manicaro, liema serq huwa aggravat bil-mezz u lok u dan bi ksur tal-Artikoli 263, 269(g) tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9;

2. Talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, dahal gewwa binja taht kostruzzjoni sitwata fi Triq il-Kurunell Mas, Hal Tarxien, Malta jew lok iehor f'recint b'wiehed mill-mezzi msemmijin fl-artikoli 264, 265 u 266 ghalkhemm ma jkun hemm ebda prova ta' att li jikkostitwixxi attentat ta' reat iehor, ghall-fatt biss tad-dhul hawn fuq imsemmi, meta mic-cirkostanzi kien jidher li l-hsieb tal-hati kien li jaghmel serq jew hsara lil propjeta jew xi reat kontra l-persuna kif definit fl-artikolu 5(1) (d), inkella meta kien diga kkundannat ghal xi reat minn dawn jew ghal wahda mill-kontravenzjonijiet imsemmijin fl-artikolu 338(i) u (w) u dan bi ksur tal-Artikolu 330 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi bi hsara tas-sid jew tad-detentur, ghamel vjolazzjoni ohra kontra l-propjeta ta' haddiehor u cioe gewwa binja taht kostruzzjoni sitwata fi Triq il-Kurunell Mas, Hal-Tarxien, Malta mhux imsemmija fil-paragrafi ta' qabel ta' dan l-artikolu u lanqas band'ohra f'dan il-kodici, u dan bi ksur tal-Artikolu 340(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Talli fit-18 ta' Dicembru 2018 gewwa Hal Luqa, Malta, ghall-habta ta 12:00 hrs (nofsinhar) bil-hsieb li jaghmel serq minn lok maghruf bhala Disma Scrapyard sitwat fl-ex fabbrika maghrufa bhala Edible Oil, Hal Luqa wera dan b' atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, meta liema delitt ma kienx gie esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu u dan bi ksur tal-Artikoli 41(1),261 (b) (e), 263,269 tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9.
5. Talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, dahal gewwa lok maghruf bhala Disma Scrapyard sitwat fl-ex fabbrika maghrufa bhala Edible Oil, Hal Luqa Malta jew lok iehor f'recint b'wiehed

mill-mezzi msemmijin fl-artikoli 264, 265 u 266 ghalkemm ma jkun hemm ebda prova ta' att li jikkostitwixxi attentat ta' reat iehor, ghall-fatt biss tad-dhul hawn fuq imsemmi, meta mic-cirkostanzi kien jidher li l-hsieb tal-hati kien li jaghmel serq jew hsara lil propjeta jew xi reat kontra l-persuna kif definit fl-artikolu 5(1) (d), inkella meta kien diga kkundannat ghal xi reat minn dawn jew ghal wahda mill-kontravvenzjonijiet imsemmijin fl-artikolu 338(i) u (w) u dan bi ksur tal-Artikolu 330 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi bi hsara tas-sid jew tad-detentur, ghamel vjolazzjoni ohra kontra l-propjeta ta' haddiehor u cioe fil-lok maghruf bhala Disma Scrapyard sitwat fl-ex fabbrika maghrufa bhala Edible Oil, Hal-Luqa  Malta mhux imsemmija fil-paragrafi ta' qabel ta' dan l-artikolu u lanqas band'ohra f'dan il-kodici, u dan bi ksur tal-Artikolu 340(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. Talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi f'dawn il-gzejjer naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr Monica Vella LLD fid-digriet taghha tat-12 ta' Ottubru 2018 li bih il-helsien mill-arrest. Artikolu 579 (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
8. Talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi f'dawn il-gzejjer naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Imhallef Dr Edwina Grima LLD fid-digriet taghha tal-31 ta' Awwissu 2018 li bih il-helsien mill-arrest. Artikolu 579 (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
9. Talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi ikkometta reat waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija nhar il-21 ta' Marzu

2018 mill-Magistrat Dr Audrey Demicoli LLD ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija titratta lill-imputat bhala wiehed recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi kienu moghtija lil Roderich Zahra u li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

***XHIEDA***

F'dan il-process xehdu ghaxar (10) xhieda kif gej;

Simon Borg (*a fol* 34 et. seq.); Peter Manicaro (*a fol* 42 et. seq.); PS 831 Jonathan Bordieri (*a fol* 45 et. seq.);PS 518 Anthony Degiovanni (*a fol* 56 et. seq.); Andrew Genovese (*a fol* 62 et. seq.); John Kennrick Micallef (*a fol* 65 et. seq.); PC 775 Mario Rodo (*a fol* 87 et. seq.); Correctional Manager Saviour Lia (*a fol* 103 et. seq.); PC 1080 Evan Scerri (*a fol* 106 et. seq.); Spettur Hubert Cini (*a fol* 108 et. seq.).

**Ikkunsidrat :**

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta tat-8 ta' Awwissu 2019 ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti

wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu ghat-tieni darba wara li kkonsulta mal-Avukat Difensur Carm Mifsud Bonnici li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu u dan wara li l-Qorti semghet lill-Correctional Manager Saviour Lia (*a fol*. 103).

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

KONSIDERAZZJONIJIET OHRA DWAR IL-PIENA

Illi in linea generali jibda biex jinghad li:

> *l-piena m'ghandiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi,*

*fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[1]

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

**Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri meta l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha u l-problemi marbuta mal-vizzju tad-droga li kien ghaddej minnhom meta sehhew ir-reati li bihom jinsab mixli tant li llum jinsab *clean* u dan bl-isforz li ghamel waqt li kien taht arrest preventiv.**

Il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qalet il-President tar-Repubblika Emeritus Marie Louise Coleiro Preca[2] fil-gradwazzjoni tal-Caritas fit-23 ta' Gunju 2017 fejn ghaxar persuni li ghelbu l-abbuz tad-droga.

---

[1] Ref Ir-**Repubblika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef**: Appell Kriminali deciz 28.11.2006.
[2] Barra li l-President Emeritu hija gradwata mill-Fakulta' tal-Ligi nhar il-Gimgha 1 ta' Novembru 2019 mistennija tinghata id-dottorat fil-oletteratura Honoris Causa mill-Universita' ta' Malta.

**Il-President appellat lill-awtoritajiet, *"biex lil dawn l-għeżież gradwati tagħna llum, u ta' qabilhom, jkomplu jagħtuhom l-appoġġ li għandhom bżonn."***

**Appellat ukoll, biex issa li se jibdew triqithom, jingħataw l-għajnuna li għandhom bżonn, biex jiksbu d-dinjità sħiħa tagħhom.**

**Il-President Emeritus qalet li filwaqt li huwa importanti li nirrikonoxxu t-tant u tant bidliet għall-aħjar li l-awtoritajiet diversi tagħna għamlu, fil-liġijiet u fil-policies matul is-snin biex nagħtu aktar support lil dawk li jirrijabilitaw ruħhom mill-vizzju tad-droga, *"jinħtieġ li ma nieqfux hawn, iżda nkomplu ntejbu kemm il-liġijiet, kif ukoll il-policies tagħna, biex dawn l-għeżież ħutna u uliedna, jkunu f'qagħda li jilqgħu għall-isfidi u r-realtajiet tal-ħajja."***

**Bħala eżempju, l-President Emeritus semmiet diffikultà kbira li ħafna jsibu meta jkollhom każijiet pendenti fil-Qorti wara li jkunu spiċċaw il-programm. Hawn, il-President appellat lill-awtoritajiet tagħna biex jindirizzaw din id-diffikultà, *"għaliex għandna sitwazzjonijiet li wħud minn dawn ħutna u uliedna, wara li jkunu spiċċaw il-programm, jibqagħlhom każijiet pendenti għax il-Qorti ma titrattax il-każijiet flimkien, u wħud minnhom saħansitra anke jispiċċaw il-ħabs wara li jkunu irrijabilitaw ruħhom fis-soċjetà."***

Il-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li stqarret il-President tar-Repubblika Emeritus fil-11 ta' Lulju 2014 waqt gradwazzjoni ohra tal-Caritas:

> *"Aħna soċjetà li rridu nirriflettu tassew il-valur tal-imħabba u m'għandniex nitilfu lanqas persuna waħda minn fostna, għad-dulur li ġġib il-ħajja fid-droga".*

Din il-Qorti tfakkar il-principji li dejjem haddan pajjizna li nipprotegu l-hajja dejjem u kullimkien, mill-koncepiment sal-mewt kif stqarr tant tajjeb fid-diskors inawgurali tieghu fl-4 ta' April 2019 il-President tar-Repubblika George W. Vella[3]:

> *"Nispera li nibqa' nara r-rispett li sa issa dejjem kien hemm, lejn l-etika u l-morali fil-professjoni medika-* ***fuq kollox ir-rispett għall-ħajja mill-bidu nett tagħha, sal-aħħar nifs tal-individwu.*** *Huwa dan il-ħarsien u r-rispett lejn valuri etiċi, morali, u soċjali, li jgħollu d-dinjità tal-individwu fis-soċjetà tagħna."*

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri.

Il-Qorti nnutat l-impenn tal-imputat biex jaqbad it-triq it-tajba tant li minn meta kien arrestat ma kien hemm l-ebda rapport fil-konfront tieghu kif xehed il-Correctional Manager tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin Saviour Lia.

Fic-cirkostanzi l-Qorti thoss li ghandha taghtih cans jirritorna lura fis-socjeta' hieles mill-vizzju tad-droga biex ikun cittadin denn ghax fl-ahhar mill-ahhar kienet id-droga li kienet qed twasslu biex jiddelinkwi.

Il-Qorti se tipprovdi qafas ta' ghajnuna lill-imputat biex johrog darba ghal dejjem mill-vizzju tad-droga, jkun qieghed jiehu hajtu lura u jirritorna fis-socjeta' hieles u jkun cittadin li japprezza l-hajja.

---

[3] Barra li hu l-President tar-Repubblika hu Chairman tal-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja

**DECIDE:**

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti wara li rat Artikoli 17, 41(1), 49, 50, 261(b)(e), 263, 264, 265, 266, 338(i)(w), 267, 269, 270, 271(g), 289, 330, 340(d) u 579(2) tal-Kap 9 issib lill-imputat Roderick Zahra hati tal-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tieghu u tikkundannah erbatax (14) –il xahar prigunerija effettiva.

Rigward il-ksur tal-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest fil-kazijiet quddiem il-Magistrat Monica Vella datat 12 ta' Ottubru 2018 u l-Imhallef Edwina Grima fil-31 ta' Awwissu tal-2018 il-Qorti qieghda tirrevoka minnufih il-liberta' lilu moghtija u tordna l-arrest tieghu minnufih.

*Inoltre* l-Qorti tordna l-konfiska tad-depozitu u garanzija personali fiz-zewg kazijiet fl-ammont ta' hmistax-il elf u hames mitt ewro (€15,500).

Rigward il-fatt li l-imputat wettaq reat f'perjodu operattiv ta' sentenza sospiza tal-21 ta' Marzu 2018 moghtija mill-Magistrat Audrey Demicoli jerga' jibda jiddekorri millum.

In konkluzzjoni l-Qorti qieghda tqieghed lill-hati taht ordni ta' trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodici Kriminali, liema ordni qieghed isir ghall-perjodu ta' tliet (3) snin bil kundizzjonijiet elenkati fl-ordni mghoti kontestwalment.

Il-Qorti tiehu l-opportunita' biex tfahhar l-impenn li wrew l-istaff fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin taht it-tmexxija tal-Kurunell Alex Dalli,

Direttur Generali tal-Facilita' li ghenu lill-imputat jibda jiehu hajtu lura, u jibda it-triq it-tajba tant li mistenni jibda programm ta' riabilitazzjoni.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**